MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Numru. 794/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Fisel Mofth Abusnina**

**Kumpilazzjoni Nru: 794/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fisel Mofth Abusnina, u detentur ta’ ebda identita’ ufficjali.

Akkuzat talli fit-22 ta’ Awwissu 2014 bejn nofs-il lejl u l-hamsa u nofs ta’ filghodu (12:00am - 05:30am) minn gewwa Edrichton Apt. 311, Triq id-Dragunara, San Giljan u/jew f’dawn il-Gzejjer:

Ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-ghamla Galaxy S3 li jiswa Euro 150 u Euro 900 fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin ghad-detriment ta’ Negoi Valentin u/jew persuni ohra.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe’ jisraq minn gewwa Edrichton Apt. 311, Triq id-Dragunara, San Giljan ghad-dannu ta’ Negoi Valentin, Constantin Coltisor u Dobritanu Razvan-Claudiu u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin ghad-detriment ta’ Negoi Valentin u/jew persuni ohra.

Akkuzat aktar talli f’dawn il-Gzejjer, ikommetta reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U finalment talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li dan kien gie misjub hati b’diversi sentenzi

moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 269, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' serq a dannu ta' Negoi Valentin, u attentat ta' serq a dannu ta' Negoi Valentin, Constantin Coltisor u Dobritanu Razvan. Qed jigi akkuzat ukoll li kkommetta dawn id-delitti fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospieza u li huwa recidiv.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li kmieni fil-ghodu certu Valentin Negoi kien qed jirritorna f'l-appartament fejn kien qed jirrisjedi, cioe Edrichton Appartments f'San Giljan; huwa kien akkompanjat minn habib tieghu certu Constantin Coltisor. F'l-istess appartament mieghu kien jirrisjedi ukoll certu Dobritanu Razvan li dak il-hin kien qieghed f'l-appartament rieqed.

Illi Negoi dahal f'l-appartamenti fil-waqt li Coltisor baqa barra; ftit wara li dahal Negoi ghajjat lil Coltisor ghax haseb li kienu serqulu xi affarijiet mill-appartament; il-kamra tieghu kien sabha kollha mqallba. Meta vverifika Negoi kkonstata li kien hemm nieqes mobile phone u €900 fi flus kontanti. Iz-zewgt ihbieb qajjmu lil Dobritanu u marru jghidu b'dak li kien gara lis-security ta'l-appartamenti pero ma sabu lill-hadd u baqghu ftit isfel jistennew; eventwalment regghu telghu fuq.

Illi sadattant waqt li Dobritanu kien ghadu f'l-appartament sema' il-bieb u mar jara jekk kienx irritorna Negoi pero minflok sab lill-imputat li kien lahaq dahal f'l-appartament taghhom u kien qieghed hdejn il-bieb tal-kamra tal-banju. Dobritanu qabad lill-imputat u zammu milli jitlaq; ftit wara telghu Negoi u Coltisor u flimkien stennew lill-pulizija.

Illi meta waslu l-pulizija fuq il-post fil-fatt sabu lit-tlett persuni fuq imsemmija qed izommu lill-imputat li gie arrestat. Dak il-hin saret tfixxija fuq l-imputat pero ma nstab xejn fuqu.

Illi fil-blokk ta' appartamenti in ezami hemm diversi CCTV's. Mir-recordings esebieti l-imputat jidher diversi drabi, hinijiet wahdu u hinijiet ma persuna ohra. Flimkien ma din il-persuna l-ohra jidher ghall-habta tas-saghtejn nieqes kwart diehel fil-blokk ta' appartamenti u mbaghad jippruvaw jifthu diversi bibien fit-tielet sular (fejn hemm l-appartament tar-Rumeni fuq imsemmija). Jerga' jidher diehel fil-blokk ta' appartamenti aktar tard ghall-habta tal-hamsa ta'fil-ghodu u rega' deher vicin l-appartament tar-Rumeni. Il-mument ta' l-arrest mill-pulizija jidher fil-filmati ukoll.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti; il-verzjonijiet mghotija huma xi ftit differenti. F'l-istqarrija jghid li huwa kien qieghed ma habib tieghu jixorbu f' San Giljan fil-bajja

hdejn il-bahar meta kellhom bzonn jmorru toilet; ghalhekk mar ghand habib iehor tieghu li jghix fit-tieni sular f'blokka ta' appartamenti f'San Giljan; sab il-bieb ta' l-appartament ta' siehbu mbexxaq, habbat, hareg persuna Rumena u hu saqsa ghal Mohammed (il-habib tieghu); ir-Rumen zammu u ftit wara gew zewg Rumeni ohra u eventwalment il-pulizija.Waqt li kien qed jiddeponi qal li kien ma' habib tieghu jixorbu u marru jffittxu lill-habib l-iehor tieghu imma ma kienx jaf in-numru ta' l-appartament u ma sabuhx. Kien biss in kontro ezami li l-imputat ammetta li mar darbtejn f'l-appartamenti u specifika li t-tieni darba mar biex juza t-toilet tal-habib tieghu. L-imputat jinnega li huwa seraq xi affarijiet.

Illi minn din l-espozizzjoni tal-provi jidher car li l-imputat mhux qed jikkontesta li huwa mar darbtejn fil-blokka ta' appartamenti in ezami; dak li qed jikkontesta huwa l-involviment tieghu fis-serq ta'l-oggetti fuq imsemmija hekk kif qed jikkontesta l-allegazzjoni li huwa mar t-tieni darba biex jisraq xi haga ohra.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-imputat ma kienx kredibbli fil-verzjoni li ta. Dan mhux biss minhabba li hemm diskrepanzi f'dak li qal lill-pulizija u dak li qal lill-Qorti, imma anke ghaliex jghid affarijiet li mhumiex verosimili. L-imputat jghid li l-habib tieghu kellu appartament fit-tieni sular pero hu darbtejn mar ifittxu fit-tielet sular. Meta l-imputat kellu bzonn juza toilet (meta kien qieghed fil-bajja ta' San Gorg) iddecieda li jmur juza t-toilet ta'l-istess habib, dan fil-hamsa ta' fil-ghodu, minkejja li ftit sieghat qabel ma setghax isib l-appartament ta' dan il-habib. Fattur iehor importanti hu li fil-filmat (ta' dak li gara ghall-habta ta' 1.45am) l-imputat u siehbu jidhru qed jippruvaw jifthu bibien fit-tielet sular. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li kienu l-imputat u siehbu li hadu l-affarijiet mill-kamra ta' Valentin Negoi, u li l-imputat rega mar f'l-appartament biex jiehu aktar affarijiet; ma rnexxielux minhabba li dak il-hin Dobritanu man kienx rieqed.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar serq aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

Illi kif intqal l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien il-persuna li (flimkien ma persuna ohra) ikkommetta s-serq tal-mobile phone u disgha mitt Euro ta' Valentin Negroi[1] ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni pero mhux ta' l-aggravju dwar mezz stante li mill-provi ma jirrizultax li kien hemm sgass.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik dwar attentat ta' serq aggravat bil-mezz, valur, lok u hin. Ghar-ragunijiet fuq premnessi l-Qorti hija konvinta li l-imputat rega mar ghat-tieni darba f'l-appartament tar-Rumeni biex jisraq aktar affarijiet. Pero mill-provi prodotti jirrizulta li lanqas meta dahal t-tieni darba ma kien hemm sgass; aktar minn hekk il-Qorti ma tistax tassumi li l-imputat kien ser jiehu affarijiet li jiswew aktar minn €232.94. Konsegwentement l-imputat ghandu jinstab hati ta' attentat ta' serq aggravat bil-hin u lok.

Illi peremzz tat-tielet u r-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospieza u li huwa recidiv. In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet giet prezentata sentenza datata 2 ta' Gunju 2014 permezz ta' liema l-imputat gie kkundannat sena prigunerija sospieza ghal tlett snin. L-imputazzjonijiet issa in ezami ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

---

[1] Dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni ta' Valentin Negroi, il-Qorti hija tal-fehma li, b'applikazzjoni tal-principji naxxenti mill-gurisprudenza kwotata mill-ufficjal prosekutur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, mill-assjem tal-provi ngiebet prova sufficjenti li lil Negroi nsterqulu mobile phone u disgha mitt Euro.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. In oltre fil-fehma tal-Qorti ghandu japplika l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet stante li huwa car li l-atti ta'l-imputat saru b' rizoluzzjoni wahda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 41(1)(a), 49, 50, 261(c)(e)(f), 269, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni mhux qed isssibu hati ta'l-aggravju dwar mezz u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni mhux qed issibu hati ta'l-aggravji dwar mezz u valur mill-liema aggravji qed jigi liberat u tikkunndannah sittax (16) il-xahar prigunerija; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed taghzel li ma ddahhalx fis-sehh is-sentenza datat 2 ta' Gunju 2014 b'dan li qed testendi il-perjodu operattiv ghal tlett (3) snin mill-llum. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Rgistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €956.56 rapprezentanti spejjez konnessi mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------